A.L. 12 tal-2025

ATT DWAR IS-SALARJI TAL-PRESIDENT TA' MALTA U TA' UFFIĊJALI OĦRA (KAP. 186)

Ordni tal-2025 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 2 u 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2025 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra.

(2) Dan l-ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Reviżjoni tas-salarju tal-President. Kap. 186.

2. B'effett mill-1 ta' Jannar 2025, għandu jitħallas lill-President ta' Malta, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, salarju skont l-Iskeda A.

Reviżjoni tas-salarji ta' Uffiċjali oħra. Kap. 186.

3. Għandu jitħallas lid-detentur tal-kariga speċifikata fl-ewwel kolonna tal-Iskeda B, minflok is-salarju stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att dwar is-Salarji tal-President ta' Malta u ta' Uffiċjali oħra, is-salarju fis-sena rispettivament speċifikat għal kull kariga fit-tieni kolonna tal-Iskeda B.

SKEDA A
(artikolu 2)

	2025 Paga Bażika
President	€71,575

SKEDA B
(artikolu 3)

	2025 Paga Bażika
Avukat Ġenerali	€79,168
Avukat tal-Istat	€79,168